# Rapport ta' ħidma

**Dekasteru**: Kultura u il-Komunitajiet

**Kunsill Lokali**: Belt Valletta

**Perjodu**: Lulju 2019 – Diċembri 2019

**Kunsillier**: Jurgen Briffa

---

## Introduzzjoni

L-ewwel sitt xhur ta' ħidma tiegħi fi ħdan il-Kunsill Lokali tal-Belt Valletta, kienu xhur pjuttost ta' ħidma u tibda tipprova tidra u tifhem kif jahdem aktar il-kunsill lokali, li ghalkemm tkun politikant u qed tirraprezenta partit, trid iggib quddiem ghajnejk li r-residenti jigu qabel kollox. Filfatt nahseb li lkoll kemm ahna qbilna fuqha u kunsilliera miz-zewg partiti qbilna li nahdmu id f'id. Kienet Esperjenza gdida ghalija pero nhoss li f'dawn is-6 xhur bdejn insib saqajha. L-Ewwel li ghamilt kien li htart 2 kumitati biex ikunu jistghu jghinuni fid-dekasteri li gejt mahtur bihom. Ridt ninvolvi lir-Residenti biex ikollhom lehen f'dak li jien niddecidi fil-Kunsill Lokali. Ghamilnha diversi laqghat fejn gieli saru wkoll f'forma ta informalita biex ahna nkunu nistghu aktar niftehmu u nitkellmu kif nahsbuha filwaqt li niehdu pjacir flimkien. nazzarda nghid li huma 2 oqsma li l-Belt Kapitali tghix fuqhom. Il-Kultura hija ghodda li l-Belt Valletta taghmilha differenti minn ibliet ohra, hija Belt hajja fil-prezent, pero belt mimlija b'arazzi u storja kulturali – li nazzarda nghid l-ghejra tad-dinja. Il-Komunitajitet fil-Belt huma mportanti hafna, l-ghaqdiet u l-entitajiet huma parti

minn din il-Belt hajja u ghaldaqstant kienet ta sfida kbira ghalija li lqajt dawn iz-zewg dekasteri, naf li fihom hiedma kbira pero kont lest li b'determinazzjoni nahdmu u b'ghaqal kbir isiru progetti li jibbenefikaw minnhom ir-residenti

## Laqgħat u ideat

Sa mill-ewwel ftit ġimgħat wara li ngħatajt id-dekasteru marbut mal-Kultura u l-komunitajiet, fittixt li niltaqa' ma' wħud mill-istakeholders ewlenin tal-Kapitali f'dan ir-rigward. Iltqajt fost l-oħrajn mal-Kapillani/arcipriet u l-pirjoli tal-Belt Valletta. Tkellimna fost l-oħrajn dwar kif nistgħu naħdmu id f'id għall- benefiċċju tal-komunitajiet. Qsamna bosta ideat li filwaqt li wħud minnhom huma short-term oħrajn jistgħu jiġu implimentati aktar fit-tul bhal progetti kbar li minnhom jgawdu l-entitajiet u r-residenti Beltin

Lill-Kapillani/Arcipriet/Pirjol, inkludejthom wkoll fl-ewwel sotto-kumitat li għaqqadt u li fih jinkludi wkoll lis-sinjuri: Sheryl Aquilina (segretarju), Roselle Borg Pulis, Fr Michael Camilleri OP, Fr. Alex Scerri O.Carm, Dun Vicenz Borg u Emy Micallef. Is-sotto- kumitat iltaqa' għall-ewwel darba f'Settembru, f'Diċembru u nista' ngħid li l-ideat li ħarġu f'dawn l-ewwel tlett laqgħat jimlewni bil-kuraġġ biex inkomplu naħdmu għaliex hemm Progetti u ideat kbar x'jistghu isiru u biex jibbenifikaw minnhom ir-Residenti u l-Entitajiet Beltin. Pruvajna li kemm jista jkun niltaqghu darba fix-xahar. Tkellimna fuq attivitajiet varji li fihom nistgħu ninvolvu lil bosta Beltin, hekk kif jien ghandhi sotto kumitat iehor li huwa tal-Kultura li fih jinkludi lis-sinjura: Joe Azzopardi(Segretarju), Denis Darmanin, Charles Coleiro, Pawlu Mizzi u Raymond Celeste, kellnha

wkoll lil Fr. Deo Debono, izda b'mod unanimu qbilna li ma jibqax bhalha parti mis-Sotto Kumitat. Nemmen li b'dawn iz-zewg kumitati nistghu ninvolvu u nikkosnultaw hafna lil xulxin u nahdmu kif qeghdin naghmlu, peress li diversi oqsma huma simili. Nittama biss li jkollna ċ-ċans nagħmluhom u ma nsibu l-ebda ogezzjoni flok ghajnuna li specjalment ma tkunx qed tistennija minn certu nies. Nemmen li ghandnha bzonn budget sew biex nkunu nistghu noholqu progetti, dik hija l-aktar problema li nemmen li ser twahhalna biex mmexxu, izda mhi ser taqtalna qalbna qatt

Ovjament flimkien mas-sindku kif lhaqt f'din il-kariga kellnha issue ma' Transport Malta, peress li l-festi bdew isibu diversi ogezzjonijiet biex jarmaw fit-toroq principali. Intqajna mal-4 festa u raprezentant ta' Transport Malta u iddecidejna li l-Festi ghandhom jibqghu jarmaw kif kienu sa ftit gimghat ilu

Gie issugerit li jsir fuljett ta informazzjoni kulturali li jircievi kull resident belti, dan qbilna li jibda johrog kull 3 xhur u fih ikun hemm attivitajiet u informazzjoni kulturali. Bih nkunu qed nghinu kemm l-ghaqdiet Beltin kif ukoll lir-Residenti billi nzommuhom infurmati bl-ahhar avvenimenti u taghrif kulturali

Hsibna wkoll li jibdew isiru lezzjonijiet ghat-tfal u zghazagh dwar l-arti bla hlas.

Qbilna b'mod unanimu mal-Kunsill Lokali li l-monument ta Papa Piju V jitressaq u jsir qrib id-Dahla tal-Belt, biex jkun jista jgawdi d-dinjita tieghi – kif ukoll mal-wirt kulturali li kien igawdi l-istess monument fil-passat.

Qbilna li fi ftit granet qabel Jum il-Belt naghmlu wirja gewwa s-Sede tal-Kunsill Lokali li tkun minn artisti Beltin, biex b'hekk nkunu nistghu nuru u napprezzaw il-hidma tal-artisti Beltin.

Kien hemm qbil mal-kunsill Lokali wkoll li ssir Orchestra tal-Belt Kapitali u li maggoranza minnha jkunu nies mill-Belt, ovjament li nuru l-qawwa kulturali Beltija huwa dejjem sabih ghax b'hekk ingalu aktar nies japprezzaw it-Talent Belti, u l-artisti beltin jkollhom ic-cans juru l-kapacitajiet taghhom.

Iltqajt diversi drabi mal-community officer u riċerkatur, Dr. Andrew Camilleri, fejn iddiskutejna diversi possibilitajiet ta' kif nistgħu nghinu diversi ghaqdiet li jinsabu fil-Belt Valletta.

## Konklużjoni

Fl-ewwel sitt xhur ta' ħidma messejt aktar mal-entitajiet Beltin, b'mod specjali dawk kulturali. Fil-passat kont inservi f'diversi kumitati gewwa l-Belt Valletta stess - izda tkun qieghed tahdem mal-ghaqdiet kollha b'idejat differenti huwa ferm differenti milli tkun parti minn entita wahda. Tghallimt aktar id-diffikultajiet li jsibu dawn l-entitajiet b'mod specjali ghax huma entita specifikament fil-Belt Valletta u r-rizorsi huma ferm inqas. Fix-xhur li gejjien ser nkun qieghed nahdem aktar mal-ghaqdiet u entitajiet beltin biex flimkien nkunu nistghu nohorgu bl-ewwel progett li jghin lin-nies minn barra l-Belt japprezzaw ix-xoghol

taghhom. Nemmen li l-aktar xoghol ta sodisfazzjon li ghandhu jkollhi bhalha kunsillier inkarigat minn dawn id-dekasteri huwa li nipprezenta l-arti li hemm fin-nies u fl-entitajiet Beltin lil pubbliku ngenerali

**Jurgen Briffa**

**Kunsillier Kunsill Lokali Belt Valletta**